MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 240/2011

**A B f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' bintha C B skond digriet tal-Qorti tat-28 ta' Novembru, 2011**

**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**
**D E u**
**FB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet :

1. Illi fl-14 ta' Mejju 2011 twieldet C B kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok A);
2. Illi l-attrici hija mart il-konvenut FB pero' hija de facto sseparata minnu u ilha hekk separata iktar minn tlett snin. Fil-fatt pendenti quddiem din il-Qorti hemm

proceduri ghall-separazzjoni personali u anke annullament (Citaz. Nru 424/08NC u 351/09NC)
3. Illi fl-imsemmi certifikat tat-twelid il-konvenut FB huwa mnizzel bhala l-missier naturali tat-tifel minuri imsemmi u dan minhabba l-presunzjoni li min jitnisel fiz-zwieg hu present li hu wild il-konjugi kif ikontemplat fl-artikolu 67 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Illi, kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-missier naturali tal-minuri imsemmi m'huwiex il-konvenut FB izda il-konvenut l-iehor D E li ghandu karta ta' l-identita numru 309571(M);
5. Illi dan gie anke kkonfermat permezz tat-testijiet tad-DNA u kopja tar-rapport relattiv qed jigi esebit bhala Dok B;

Talbet ghalhekk li l-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

i) Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi illi l-konvenut FB m'huwiex il-missier naturali tal-minuri C B pero' il-missier naturali huwa D E;
ii) Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri C billi, f'dik il-parti dedikata ghad-dettalji ta' missier it-tarbija dawn jithassru u jitnizzlu d-detttalji ta' D E u cioe : fejn hemm miktub isem u kunjom missier it-tarbija, l-isem "FB" jigi sostitwit b' "D E"; fejn hemm miktub il-professjoni ta' missier jitnizzel "managing director"; fejn hemm miktub fejn twieled jitnizzel "Attard"; fejn hemm miktub fejn joqghod jitnizzel "Mosta"; u fejn hemm imnizzel "Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet" (missier il-missier tat-tarbija) jitnizzel "G H E (haj)"

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament jinghad li talanqas mill-atti li gew notifikati lill-esponenti tidher li hemm nieqsa l-

awtorizzazzjoni mehtiega li permezz taghha A B giet mahtura bhala kuratrici ad litem tal-minuri C B skond id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi in vena perliminari wkoll, l-esponenti jirrileva li fuq il-mertu b’mod partikolari dwar il-paternita tal-minuri C B, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti f’isimha proprju trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal- minuri C B, kienet wettqet adulterju ma’ l-intimat D E u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jistà wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jindikaw lill- D E bħala l-missier naturali tal-imsemmi minuri C B, u dan *ai termini* tal-**artikoli 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**.

4. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt tegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta’ stat tal-minuri C B ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħha li jgib in-numru ta’ skrizzjoni 1960 tas-sena 2011;

5. Illi dejjem bla hsara ghal dak fuq premess, f’kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jinvita lill-istess D E sabiex permezz ta’ nota jispecifika d-detalji personali kollha tieghu, senjatament (1) isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita, (3) l-eta tieghu meta twieldet il-minuri C B, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta’ missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla C B. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita C B;

6. Illi subordinatament u minghajr hsara ghal dak fuq imsemmi, f’kaz li din l-Onorabbli qorti tilqa t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet ”the said” li jinsabu qabel isem FB, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-att tat-Twelid bin-numru tar-registrazzjoni 1960 tas-sena 2011;

7. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti l-minuri C B trid taghzel liema kunjom ha jzomm wara l-annotazzjonijiet rispettivi;
8. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;
9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat illi l-konvenuti D E u FB huma kontumaci f'din il-kawza;

Rat ix-xhieda illi gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici ghamel il-kawza odjerna fejn talbet lill-Qorti tiddikjara illi il-konvenut FB mhuwiex il-missier naturali tal-minuri C B, izda il-missier naturali huwa D E u talbet lill-Qorti tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku biex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri C billi f'dik il-parti iddedikata ghad-dettalji ta' missier it-tarbija dawn jithassru u jitnizzlu id-dettalji ta' D E, kif talbet fir-rikors guramentat taghha.

Rat ir-rapport xjentifiku, DNA Paternity Test Report iffirmat minn Dr Marisa Cassar illi jinsab a fol. 5 u 6 ta' dan il-process u rat illi minn dan ir-rapport jirrizulta illi l-konvenut D E huwa il-missier naturali tal-minuri C.

Il-Qorti rat ukoll fir-rigward ta’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku illi l-Qorti awtorizzat lill-attrici sabiex tidher bhala kuratrici ad litem tal-minuri C B u ghalhekk il-Qorti qeghda tirrispingi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku.

Illi in vista tar-rapport xjentifiku tad-DNA il-Qorti qeghda ukoll tirrispingi it-tielet u r-raba eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, izda qeghda tilqa il-hames u is-sitt eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku.

Illi l-Qorti ser tilqa t-talbiet attrici peress illi tinsab konfortata mir-rapport xjentifiku tad-DNA illi jikkonferma illi l-missier bijologiku tal-minuri C B huwa il-konvenut D E u mhux il-konvenut FB.

Ghaldaqsant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara illi l-konvenut FB m’huwiex il-missier naturali tal-minuri C B, izda il-missier naturali huwa D E u tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri C billi, f’dik il-parti dedikata ghad-dettalji ta’ missier it-tarbija dawn jithassru u jitnizzlu d-dettalji ta’ D E u cioe : fejn hemm miktub isem u kunjom missier it-tarbija, l-isem “FB” jigi sostitwit b’ “D E”; fejn hemm miktub il-professjoni ta’ missier jitnizzel “managing director”; fejn hemm miktub fejn twieled jitnizzel “Attard”; fejn hemm miktub fejn joqghod jitnizzel “Mosta”; u fejn hemm imnizzel “Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet” (missier il-missier tat-tarbija) jitnizzel “G H E (haj)”. Il-Qorti rat illi l-attrici specifikat permezz ta’ nota ipprezentata fit-13 ta’ Jannar 2012 id-dokument tal-identita tal-konvenut D E, l-eta illi kellu D E meta twieldet il-minuri C B kif ukoll il-post tat-twelid tieghu u il-post tar-residenza tieghu meta kienet twieldet il-minuri u isem u kunjom missieru. Il-Qorti tilqa wkoll it-talba tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u tordna illi l-kelmiet ”the said” li jinsabu qabel isem FB, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-

att tat-Twelid bin-numru tar-registrazzjoni 1960 tas-sena 2011. Il-Qorti tordna ukoll illi l-minuri C taghzel il-kunjom tal-missier naturali u cioe' E minflok il-konjom B wara l-annotazzjonijiet rispettivi; bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------